

31971L0317

L 202/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.9.1971

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Lulju 1971

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' użin f'għamla parallelpiped ta' preċiżjoni medja ta' 5 sa 50 kilogramm u użin ċilindriċi ta' preċiżjoni medja ta' 1 sa 10 kilogrammi

(71/317/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾;

Billi fl-Istati Membri l-kostruzzjoni u l-metodi ta' kontroll ta' użin f'għamla *parallelpiped* u ċilindriċi ta' preċiżjoni medja huma soġġetti għal disposizzjonijiet mandatarji li huma differenti minn Stat Membru għal ieħor u konsegwentement jostakolaw il-kummerċ fużin bħal dawn; billi għalhekk huwa neċessarju li dawn id-disposizzjonijiet jiġu approssimati;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1971 ⁽³⁾ dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjonijiet kemm għal strumenti ta' kejl kif ukoll għal metodi ta' kontroll metroloġiku stabbiliet il-proċeduri ta' l-approvazzjoni tal-mudell tal-KEE u ta' verifikazzjoni inizjali tal-KEE; billi, bi qbil ma' dik id-Direttiva, għandhom ikunu stabbiliti l-ħtiġiet tekniċi għad-disinn ta' użin f'għamla *parallelpiped* u ċilindriċi ta' preċiżjoni medja;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għal użin ta' preċiżjoni medja tal-valuri nominali li ġejjin:

- użin f'għamla *parallelpiped* ta' 5, 10, 20 u 50 kg;
- użin ċilindriċi ta' 1, 2, 5, 10, 20, 50, 100, 200 u 500 g u 1, 2, 5 u 10 kg.

Artikolu 2

L-użin li jistgħu jgħibu l-marki u s-simboli tal-KEE huma deskritti u murija fl-Annessi I-IV. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal approvazzjoni tal-mudell tal-KEE; għandhom ikunu soġġetti għal verifikazzjoni inizjali tal-KEE.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta, jipprojbixxi jew jirres-trinġi t-tqegħid fis-suq jew dħul fis-servizz ta' użin f'għamla *parallelpiped* jew ċilindriċi ta' preċiżjoni medja li jgħibu l-marka ta' verifikazzjoni inizjali tal-KEE.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar minn notifikazzjoni tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-26 ta' Lulju 1971.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MORO

⁽¹⁾ ĠU Nru 63, 3.4.1967, p. 982/67.

⁽²⁾ ĠU Nru 30, 22.2.1967, p. 480/67.

⁽³⁾ ĠU Nru L 202, 6.9.1971, p. 1.

ANNEX I

UŻIN F'GĦAMLA PARALLELPIPED

1. Għamla, materjal kostitwenti u metodu ta' fabbrikazzjoni

1.1. Għamla *parallelpiped* b'manku riġidu li ma jisporġix mnejn taqbad.

1.2. Materjal użat:

1.2.1. *Body* ta' l-użin: ħadid fondut griż

1.2.2. Tip 1: manku ta' tuba ta' l-azzar maħdum biċċa waħda ta' diametru standard

Tip 2: manku ta' ħadid fondut, integrali mal-*body* ta' l- użin.

2. Ħofra ta' aġġustament

Tip 1

2.1. Ħofra minn ġewwa magħmula mill-ġewwieni tal-manku tubulari ta' qbid.

2.2. Il-ħofra hija magħluqa permezz ta' tapp bil-kamin tar-ram stirat jew permezz ta' tapp tar-ram fil-forma ta' diska lixxa. It-tapp bil-kamin għandu slott tat-tornavit u d-diska lixxa għandha toqba ċentrali minn fejn tintrefa'.

2.3. It-tapp huwa ssiġillat permezz ta' pritkuna taċ-ċomb irbattuta ġewwa fetħa tonda minn ġewwa jew fin-nisġa tat-tubu.

Tip 2

2.4. Ħofra interna fformata f'wieħed mill-wieqaf ta' l-użin u li tiftaħ fuq il-wiċċ ta' fuq ta' dan il-wieqaf.

2.5. Il-ħofra hija magħluqa permezz ta' pjanċa żgħira tal-*mild steel*.

2.6. Il-pjanċa hija ssiġillata permezz ta' pritkuna taċ-ċomb imdaħħla ġewwa fetħa kif muri fl-Anness II.

3. Aġġustament

3.1. Wara l-aġġustament tal-piż il-ġdid permezz ta' pritkuna taċ-ċomb, żewġ terzi tal-volum totali tal-ħofra jibqgħu vojta.

4. Posizzjoni tal-marka ta' verifikazzjoni inizjali tal-KEE

4.1. Il-marka ta' verifikazzjoni tal-KEE finali hija stampata fuq is-siġill taċ-ċomb tal-ħofra ta' l-aġġustament.

5. Marki u simboli ta' distinzjoni

5.1. L-indikazzjonijiet li jagħtu l-valur nominali ta' l-użin, u l-marka ta' identifikazzjoni tal-manifattur, jidhru fuq il-wiċċ ta' fuq tal-parti ċentrali ta' l-użin, jew inċiżi jew friljev.

5.2. Il-valur nominali ta' l-użin ikun muri fil-forma ta': 5 kg, 10 kg, 20 kg, 50 kg.

6. Dimensjonijiet u tolleranzi

6.1. Id-dimensjonijiet li għandhom ikunu mħarsa għal użin differenti huma stabbiliti fl-Anness II (dimensjonijiet f'millimetri).

6.2. It-tolleranzi applikabbli għal dimensjonijiet varji huma t-tolleranzi normali tal-manifattura.

7. Żbalji massimi permissibbli



Valur nominali	L-iżbalji massimi permissibbli f'milligrammi mal-verifikazzjoni inizjali
5 kg	+ 800 — 0
10 kg	+ 1 600 — 0
20 kg	+ 3 200 — 0
50 kg	+ 8 000 — 0

8. Irfinitura tal-wiċċ

- 8.1. Jekk ikun hemm bżonn, l-użin ikunu protetti kontra l-korrużjoni permezz ta' kisja adatta reżistenti għall-użu u l-impatt.

ANNEX II

PIŻIJET SOLIDI RETTANGOLARI



Lista ta' dimensjonijiet f'millimetri, threads ħjatat ta' ISO/R 261

valur nominali	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m	n	o	p	q	r	s	t	u	v	w	x	y	z	A	B
5 kg	150	75	84	152	77	36	13	20	12	145	18	30	6	5	12	19	16	55	66	M 16 × 1,5	1	2	14	18	16,5	16	5	1,5
10 kg	190	95	109	193	97	46	25	20	12	185	25	38	8	6	16	25	35	70	81	M 16 × 1,5	1	2	14	18	16,5	16	5	1,5
20 kg	230	115	139	234	117	61	30	32	24	220	30	52	12	8	20	29	50	95	106	M 27 × 1,5	2	3	21	30	27,5	27	8	1,5
50 kg	310	155	192	314	157	83	40	32	24	300	40	74	16	10	25	40	70	148	159	M 27 × 1,5	2	3	21	30	27,5	27	8	1,5

Id-dimensjonijiet a u d, kif ukoll b u e, jistgħu jiġu maqlubin

ANNEX III

PIŻIJET ĊILINDRIĊI

1. **Għamla, materjal kostitwenti u metodu ta' fabbrikazzjoni**

1.1. Għamla ċilindrika b'pump ċatt imnejn taqbad.

1.2. Materjal użat: kwalunkwe materjal b'densità ta' 7 sa 9 75 g/cm³, ta' ebusija ta' għallinqas daqs dik ta' ram fondut, mhux inqas reżistenti għal korrużjoni u ma jifarrakx aktar minn ħadid fondut griż, u b'wiċċ paragunabbli ma' dak ta' ħadid fondut griż iffurmat b'attenzjoni f'forma ta' ramel irqiq.

Ma jistax jintuża ħadid fondut griż għal użin ta' valur nominali ta' inqas minn 100 g.

1.3. Il-metodu ta' manifattura għandu jkun adatt għall-materjal magħżul.

2. **Ħofra ta' aġġustament**

2.1. Ħofra ċilindrika interna b'dijametru akbar fil-parti ta' fuq tal-ħofra.

2.2. Il-ħofra hija magħluqa permezz ta' tapp bil-kamin tar-ram stirat jew permezz ta' tapp tar-ram fil-forma ta' diska lixxa. It-tapp bil-kamin għandu slott tat-tornavit u d-diska lixxa għandha toqba ċentrali mnejn tintrefa'.

2.3. It-tapp huwa ssiġillat b'tapp taċ-ċomb imdaħħal ġewwa fetħa tonda maqtugħa fil-parti l-aktar wiesgħa tal-ħofra.

2.4. Piżijiet ta' 1, 2, 5 u 10 g ma għandhomx ħofra ta' aġġustament.

2.5. Il-ħofra ta' aġġustament mhiex obbligatorja għal dawg ta' 20 u 50 g.

3. **Aġġustament**

3.1. Wara l-aġġustament tal-piż il-ġdid permezz ta' pretkuna taċ-ċomb, żewġ terzi tal-volum totali tal-ħofra jibqgħu vojta.

4. **Posizzjoni tal-marka ta' verifikazzjoni inizjali tal-KEE**

4.1. Il-marka ta' verifikazzjoni tal-KEE finali tiġi stampata fuq siġill tal-ħofra ta' aġġustament.

4.2. Użin mingħajr hofer ta' aġġustament huma ttimbrati fuq il-qiegħ.

5. **Marki u simboli ta' distinzjoni**

5.1. L-indikazzjonijiet li jagħtu l-valur nominali ta' l-użin, kif ukoll il-marka ta' identifikazzjoni tal-manifattur, jidhru fuq il-wiċċ ta' fuq tar-ras ta' l-użin, jew inċiż jew f'riljiev.

5.2. Il-valur nominali ta' l-użin jista' jintwera fuq il-body ta' l-użin ta' minn 500 g sa 10 kg.

5.3. Il-valur nominali tal-piż huwa muri fil-forma ta': 1 g, 2 g, 5 g, 10 g, 20 g, 50 g, 100 g, 200 g, 500 g, 1 kg, 2 kg, 5 kg, 10 kg.

6. **Id-dimensjonijiet u t-tolleranzi tagħhom**

6.1. Id-dimensjonijiet li għandhom jiġu mħarsa għall-użin differenti huma stabbiliti fl-Anness IV (dimensjonijiet f'millimetri).

6.2. It-tolleranzi applikabbli għal dimensjonijiet varji huma t-tolleranzi normali tal-manifattura.

7. Żbalji massimi permissibbli


Valur Nominali	L-iżbalji massimi permissibbli f'milligrammi mal-verifikazzjoni inizjali
1 g	+ 5 — 0
2 g	+ 5 — 0
5 g	+ 10 — 0
10 g	+ 20 — 0
20 g	+ 20 — 0
50 g	+ 30 — 0
100 g	+ 30 — 0
200 g	+ 50 — 0
500 g	+ 100 — 0
1 kg	+ 200 — 0
2 kg	+ 400 — 0
5 kg	+ 800 — 0
10 kg	+ 1 600 — 0

8. Irfinitura tal-wiċċ

8.1. Jekk ikun hemm bżonn, l-użin jiġu protetti kontra l-korrużjoni permezz ta' kisja adatta reżistenti għall-użu u l-impatt; jistgħu jiġu illustrati.

ANNEX IV

PIŻIJET ĊILINDRIĊI



Lista ta' dimensjonijiet f'millimetri, hġatat ta' ISO/R 261																										
Valur nominali	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m	n	o	p	q	r	s	t	u	v	w	x	y	z
1 g	6	5,5	3		0,5	0,9	0,5	—	1																	
2 g	6	5,5	3		0,5	0,9	0,5	—	1																	
5 g	8	7	4,5		0,7	1,25	0,5	—	1																	
10 g	10	9	6		0,8	1,5	0,5	—	1																	
20 g	13	11,5	7,5		1	1,8	0,5	10°	1,5																	
20 g	13	11,5	7,5		1	1,8	0,5	10°	1,5	5,5	2,5	3	M4 x 0,5	9	18	6,5	1,5	1	5	5	1	1	0,5	0,5	1	1
50 g	18	16	10		1,5	2,5	1	10°	2																	
50 g	18	16	10		1,5	2,5	1	10°	2	7,5	3,5	4,5	M6 x 0,5	10	25	9	2	1	7	5	1	1,5	0,75	0,75	1,5	1,5
100 g	22	20	13		2	3,5	1	10°	2	7,5	3,5	4,5	M6 x 0,5	10	30	9	2	1	7	5	1	1,5	0,75	0,75	1,5	1,5
200 g	28	25	16		2,25	4	1,5	10°	3,2	10,5	4,5	7	M8 x 1	15	40	12	2,5	1,5	10	8	2	2	0,75	1	1,5	2
500 g	38	34	22		3	5,5	1,5	10°	3,2	10,5	4,5	7	M8 x 1	15	50	12	2,5	1,5	10	8	2	2	0,75	1	1,5	2
1 kg	48	43	27		4	7	2	10°	5	18,5	7	12	M14 x 1,5	20	65	20	4	2,5	18	13	3	3	1	1,5	1,5	3
2 kg	60	54	36		5	9	2	10°	5	18,5	7	12	M14 x 1,5	20	80	20	4	2,5	18	13	3	3	1	1,5	1,5	3
5 kg	80	72	46		6,5	12	2	10°	10	24,5	8	18	M20 x 1,5	35	120	26,5	4	2,5	24	18	3	4	1,5	2	1,5	3
10 kg	100	90	58		8,5	15	3	10°	10	24,5	8	18	M20 x 1,5	35	160	26,5	4	2,5	24	18	3	4	1,5	2	1,5	3